MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Numru 269/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Abraham Lia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Abraham Lia bin Lawrence u Maria Concetta nee' Portelli, imwieled Pieta`, residenti 35, Misrah San Gakbu, Zabbar, bil-karta ta' l-identita' numru 567280(M), akkuzat talli:

Fis-27 ta' Lulju, 2002, u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, u cioe`;

1 talli kkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti mill-hanut bl-isem

‘Miracle Foods’ sitwat fi Triq Bajada, Haz Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-persuna u li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ Valhmor Borg Import/Export, Ltd,

2 U aktar talli ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus kontanti mill-hanut bl-isem ‘Miracle Foods’ sitwat fi Triq is-Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira (Lm1,000) u bil-persuna li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ Valhmor Borg Import/Export Ltd.,

3 U aktar talli xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indhalt biex tbieghom jew tmexxihom, liema oggetti misruqin gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-persuna,

4 U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi approprijajt ruhek billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkonsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkonsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkonsinnata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-udjenza tal-llum li hi l-ewwel wahda;

Rat l-Artikolu 390(A) tal-Kap.9;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-piena;

Ikkonsidrat:

Li l-imputat hu akkuzat b’serq kontinwat u kwalifikat bil-valur, u persuna ghad-detriment tas-socjeta` Valhmor Borg Import/Expoert Ltd. L-imputat irregistra ammissjoni li

hi wahda volontarja u inkondizzjonata u ppersista f'tali ammissjoni anke wara lil-Qorti taghtu zmien sabiex jahsibha,

In vista ta' l-ammisjoni f'dan l-istadju u l-fedina penali netta ta' l-imputat u wara li rat l-Artikolu 18, 261(c)(d), 267, 268, 279, 280 tal-Kap. 9 qeghda tilliberah bil-kunidzzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-llum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152.

Il-Qorti spjegat il-konsegwenzi ta' din is-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------